



**2020/2216(INI)**

1.3.2021

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej  
(2020/2216(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kosma Złotowski

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-approċċ li l-Kummissjoni biħsiebha tadotta fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali, li jiddeskrivi b'mod distint l-għanijiet ċari li għandhom jintlaħqu fl-għaxar snin li ġejjin; iqis li viżjoni strutturata bħal din se tkun ta' benefiċċju għas-settur tat-trasport u tat-turiżmu u se tikkontribwixxi biex l-Unjoni Ewropea ssir mexxejja diġitali globali; iwissi li bosta pajjiżi madwar id-dinja qed jimxu b'mod rapidu lejn it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-mobilità awtomatizzata fis-suq; jistieden, għalhekk, lill-UE twieġeb b'mod ħafna aktar proattiv għall-iżviluppi rapidi f'dan is-settur permezz ta' qafas legali u finanzjarju mfassal apposta għan-negozji ġodda Ewropej u għall-iżviluppaturi teknoloġiċi; jisħaq li l-awtonomija strateġika tal-UE hija f'riskju; jenfasizza l-potenzjal kbir ħafna ta' tkabbir globali tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali (IA), li minnhom l-UE għandha tiżgura sehem kbir permezz ta' taħlita ta' politiki bil-għan li jiżguraw ambjent ta' negozji fertili u attraenti għall-proġetti fil-qasam tal-IA;
2. Ihegġegħ lill-Istati Membri jinkludu fil-pjanijiet ta' rkupru tagħhom proġetti għad-diġitalizzazzjoni tat-trasport; jenfasizza l-hteġġa li jiġi żgurat finanzjament stabbli u adegwat għall-programmi ta' riċerka Ewropej għal investimenti fl-IA, il-blockchain, u l-Internet tal-Oġġetti (IoT), u għall-proċess tal-bini ta' infrastruttura għal sistemi ta' trasport intelliġenti (ITS) tat-trasport u l-ICT, inkluża l-implimentazzjoni sigura tal-5G, l-iżvilupp tan-networks 6G u n-networks bla fili futuri biex jiġi permess il-potenzjal sħiħ tat-trasport diġitalizzat filwaqt li jiġu żgurati standards ta' sikurezza għoljin fit-trasport; jinnota li l-livell ta' użu tal-IA fis-settur tat-trasport se jiddependi minn infrastruttura diġitalizzata moderna;
3. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-IA fis-settur tat-trasport se tirrikjedi kemm l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida kif ukoll it-titjib tal-infrastruttura eżistenti; jissottolinja l-fatt li minkejja bosta sejħiet, il-fondi allokatu fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 mhumiex biżżejjed għall-ħtiġijiet tas-settur tat-trasport; iwissi dwar id-distakk sinifikanti bejn il-ħajja tal-infrastrutturi tat-trasport diġitali u fiżiċi; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu infrastrutturi tat-trasport sikuri, reżiljenti u ta' kwalità għolja li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' mobilità konnessi u awtomatizzati;
4. Jirrimarka li t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport u diġitali rilevanti fin-Network Trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) jeħtieġ li jiġi aċċellerat; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmi fir-reviżjoni tagħha tar-Regolament TEN-T<sup>1</sup> u tar-Regolament dwar il-Kurrituri Ferrovjarji tal-Merkanzija<sup>2</sup> biex tiżgura din l-aċċellerazzjoni; jesprimi d-dispjaċir tiegħu, f'dan ir-rigward, għad-deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew li jnaqqas il-baġit tal-pakkett diġitali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċizzjoni Nru 661/2010/UE, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv, ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22.

jistieden lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ adegwat għad-diġitalizzazzjoni tas-settur fil-qafas tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza; jilqa' l-kapaċità tal-programmi ta' finanzjament tal-UE li jinkludu investimenti privati li huma essenzjali għall-finanzjament ta' teknoloġiji fixkiela u l-varar ta' mobilità awtomatizzata fuq skala kbira;

5. Jenfasizza li s-settur tat-trasport huwa u se jkompli jkun fost is-setturi fejn il-konsumaturi u ċ-ċittadini se jesperjenzaw interazzjonijiet ta' kuljum mal-IA; jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni, għalhekk, li qafas ċar, trasparenti u koerenti tal-UE li jippromwovi l-iżvilupp ta' IA ċċentrata fuq il-bniedem, jinkludi aspetti relatati mas-sikurezza, il-privatezza u s-sigurtà f'konformità mal-qafas legali rilevanti tal-UE, flimkien mar-rispett tal-awtonomija, is-sorveljanza u r-responsabilità tal-bniedem, mhux biss jibni l-fiduċja fit-teknoloġija tal-IA fost il-konsumaturi u n-negozji – u b'hekk jinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji emerġenti ulterjuri fis-settur tat-trasport – u jiżgura l-prevedibilità u ċ-ċertezza legali, iżda jtejjeb ukoll il-komponenti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tat-trasport; jenfasizza r-riskji li jirriżultaw min-nuqqas ta' qbil dwar approċċ regolatorju tal-UE;
6. Jenfasizza l-potenzjal enormi tal-IA fis-settur tat-trasport u l-abilità tagħha li żżid l-awtomatizzazzjoni għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru; jenfasizza r-rwol tal-IA fit-trawwim tal-multimodalità u l-bidla modali kif ukoll l-iżvilupp ta' bliet intelliġenti, b'tali mod li ttejjeb l-esperjenza tal-ivvjaġġar għaċ-ċittadini kollha billi tagħmel it-trasport, il-loġistika u l-flussi tat-traffiku aktar effiċjenti, aktar sikuri u aktar ekoloġiċi;
7. Jirrimarka li huwa meħtieġ qafas regolatorju għall-IA fis-settur tat-trasport, bħal regoli għal proġetti pilota li, jekk jirnexxu, jippermettu aktar żvilupp fis-suq tal-massa (bl-użu ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja); jenfasizza li kwalunkwe regolament fil-qasam tal-IA għandu jieħu approċċ teknoloġikament newtrali u jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità; jinnota r-rwol importanti li jista' jkollhom ir-raggruppamenti tat-teknoloġija u ċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali biex jgħinu lis-settur tat-trasport jinnova u jagħtu spinta lill-kooperazzjoni fost l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet akkademiċi u s-settur pubbliku; jissottolinja l-ħtieġa li d-data tkun tista' tinqara faċilment u tkun interoperabbli, skont il-prinċipji FAIR, biex jinħolqu sinerġiji fost il-pajjiżi u s-setturi, l-għarfien jinġabar flimkien u jinħolqu raggruppamenti tat-teknoloġija;
8. Jenfasizza l-potenzjal enormi ta' sistemi li jużaw l-IA fis-settur tat-trasport, inkluż għall-persuni mexjin u ċ-ċiklisti, b'mod partikolari f'termini ta' sikurezza u tal-kisba tal-oġettivi stabbiliti fil-Viżjoni Zero; jinnota li fin-nuqqas ta' data vasta, ta' kwalità għolja u interoperabbli, l-adozzjoni tal-IA fl-infrastruttura tat-trasport u l-vetturi se tkun limitata, u tista' tkun ta' ħsara għall-kompetittività u s-sikurezza tat-trasport tal-UE; jitlob aktar riċerka u żvilupp biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-prodotti u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas regolatorju armonizzat ġdid għas-sewqan awtomatizzat;
9. Jenfasizza l-potenzjal kbir biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-IA fil-vetturi u s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, li jistgħu, *inter alia*, iqassu l-ħinijiet tal-ivvjaġġar, inaqqsu l-konġestjoni, inaqqsu l-emissjonijiet dannużi u jnaqqsu l-ispejjeż; jenfasizza li l-IA se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-multimodalità bla xkiel, skont il-kunċett ta' Mobilità bħala Servizz (MaaS); jemmen

li l-integrazzjoni tas-servizzi tat-trasport toffri opportunitajiet biex twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tal-mobilità taċ-ċittadini Ewropej u tottimizza l-użu tat-trasport pubbliku filwaqt li tillimita l-għadd ta' vetturi privati fit-triq; jistieden lill-Kummissjoni tesplora kif tiffaċilita l-iżvilupp ibbilanċjat ta' MaaS, speċjalment f'żoni urbani;

10. Jinnota li l-użu tal-IA fis-settur tal-avjazzjoni bħalissa huwa ffukat fuq il-ġestjoni tad-disinn tal-ippjanar tat-traffiku u tal-ispazju tal-ajru; jilqa' l-kisbiet tal-impriża konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li appoġġjat għadd ta' proġetti ta' riċerka fir-rigward tal-IA u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; jitlob li jiġu intensifikati r-riċerka u l-investimenti sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-IA fis-settur tal-avjazzjoni fir-rigward tal-konsumaturi permezz ta' titjib fil-proċessi ta' kummerċjalizzazzjoni, bejgħ, distribuzzjoni u pprezzar tal-linji tal-ajru kif ukoll fis-servizzi fuq l-art (kontrolli tas-sikurezza, eċċ.); jinnota li l-IA tista' tiżviluppa navigazzjoni awtomatizzata fit-trasport marittimu fit-tul u fuq distanzi qosra u fuq passaġġi fuq l-ilma interni u ttejjeb is-sorveljanza marittima f'kuntest ta' żieda fit-traffiku tal-bastimenti; jinnota wkoll li l-IA tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-konnessjoni bejn il-portijiet u ż-żoni interni; jenfasizza li l-portijiet se jkunu atturi essenzjali għall-implimentazzjoni tal-IA fis-settur tat-trasport marittimu; jenfasizza li jkun hemm implimentazzjoni tal-IA u livell ogħla ta' diġitizzazzjoni fuq skala kbira fil-portijiet Ewropew kollha sabiex tinkiseb effiċjenza u kompetittività mtejba;
11. Jenfasizza li l-ħtieġa għal regoli ċari u koerenti dwar li tiġi identifikata u kondiviża r-responsabilità f'każ ta' ħsara jew inċident hija waħda mill-ostakli kruċjali għall-implimentazzjoni Prattika ta' teknoloġiji bbażati fuq l-IA fis-settur tat-trasport, kif espress fir-rapport tagħha tal-5 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar reġim ta' responsabilità ċivili għall-intelliġenza artifiċjali<sup>3</sup>; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi definita diviżjoni tar-responsabilitajiet li tkun ċara u ġusta bejn il-manifatturi, l-operaturi u l-utenti tal-vetturi awtonomi bbażata fuq il-kapaċità li tikkontrolla r-riskji, sabiex, *inter alia*, tiżgura l-aqwa sikurezza tal-prodott possibbli, l-allokkazzjoni xierqa tar-riskju u r-responsabilità; jenfasizza, għalhekk, li l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel l-aħjar użu mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex timmassimizza kemm is-sikurezza tas-sistemi tat-trasport tal-IA kif ukoll il-possibilità li tidentifika r-responsabilitajiet jekk ikun meħtieġ; jitlob lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni jtejbu l-mod kif jinkorporaw riskji ġodda li jirriżultaw minn mobilità konnessa u awtomatizzata fil-politika ta' sottoskrizzjoni tagħhom;
12. Jenfasizza li l-opportunitajiet ippreżentati mill-IA għandhom jiġu enfasizzati u li dawk li jfasslu l-politika għandhom jistinkaw biex jinfurmaw liċ-ċittadini u lin-negozji biex ikunu jistgħu jevalwaw il-potenzjal u l-implikazzjonijiet tal-IA; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni effettivi biex jiġu żgurati l-fehim u s-sensibilizzazzjoni tan-nies; jissottolinja li ċ-ċarezza legali se żżid il-fiduċja tal-konsumaturi, b'tali mod li jkollha impatt pożittiv fuq in-negozji tal-UE u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jżviluppaw tali teknoloġiji, u tiffaċilita l-espansjoni ta' suq tal-UE b'saħħtu;
13. Jinnota li l-kisba tal-oġġettivi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-White Paper tagħha dwar l-

---

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0276.

Intelliġenza Artifiċjali (COM(2020)0065) hija kontinġenti fuq li jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess wiesa' għall-data pubblika u industrijali ta' kwalità għolja, iġġenerata mhux mis-settur tat-trasport, iżda mis-setturi kollha marbuta miegħu, u l-provvediment ta' infrastruttura intelliġenti u vetturi għall-ġbir u l-ipproċessar sikuri tagħha; jemmaen li hemm ħtieġa urġenti li jiġi inċentivat l-aċċess għad-data li bħalissa hija msakkra fis-settur privat, jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-libertà tal-iskambju u l-ipproċessar ta' data mhux ipproċessata, mhux personali u anonimizata minn entitajiet pubbliċi u privati, f'konformità sħiħa mal-acquis tal-UE dwar id-data u l-privatezza; jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva biex jitneħħew l-ostakli għall-iskambju u l-użu mill-ġdid tad-data, għalkemm jenfasizza li jrid jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt li l-implimentazzjoni vasta ta' infrastruttura tad-data intensiva fl-enerġija (jiġifieri ċentri tad-data u farms tas-servers) jista' jkollha fuq l-ambjent bl-objettiv li jiġi promoss l-użu sostenibbli tagħhom f'konformità mal-Patt Ekoloġiku;

14. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar strateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066) u l-proposta tagħha għal Regolament dwar il-governanza tad-data Ewropea (COM(2020)0767); jenfasizza l-ħtieġa li jinholq suq uniku ġenwin għad-data u speċifikament spazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobilità, li meta tiġi permessa kondiviżjoni tad-data B2B, B2G u G2B, dan jista', *inter alia*, jiffaċilita l-aċċess u l-użu tad-data mit-trasport u mill-intrapriżi tal-ivvjaġġar mikro, żgħar u ta' daqs medju u min-negozji ġodda, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data; jissottolinja l-fatt li l-aċċess għad-data huwa ta' importanza kruċjali għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-IA, li se tkun dejjem aktar importanti fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu; jenfasizza, għalhekk, li r-riċerkaturi u n-negozji, speċjalment l-SMEs, jeħtieġ jingħataw aktar libertà biex jaċċessaw u jużaw data għall-iżvilupp tal-IA sabiex ikunu kapaċi jiżviluppaw u jimplementaw teknoloġiji tal-IA ta' kwalità; jenfasizza li l-Ewropa teħtieġ infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja u sigura ċibernetika, kif ukoll kwalità oġhla u aċċess aħjar għad-data, li hija konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data<sup>4</sup> (GDPR);
15. Jenfasizza l-importanza li jiġu inċentivati l-kondiviżjoni u l-aċċess volontarji tad-data, li se jkunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp ta' ċentri tad-data tal-IA li għandhom infrastruttura cloud Ewropea miftuħa u trasparenti (eż. Gaia-X) u l-ipproċessar ta' data ġġenerata fit-traffiku tan-network; jinnota li din l-infrastruttura għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-portabilità, l-interoperabilità u l-kriptaġġ; jenfasizza li jeħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni aħjar mal-kumpaniji Ewropej u bejniethom biex jiġu żviluppati standards tekniċi rilevanti għas-suq li jippromwovu l-interoperabilità u t-trasferiment tat-teknoloġija filwaqt li tingħata spinta lill-kompetizzjoni; jemmaen li l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom ikunu minn ta' quddiem u jgħinu fl-identifikazzjoni tal-lakuni fl-istandards internazzjonali; jenfasizza l-fatt li l-libertajiet tas-suq uniku jikkostitwixxi l-potenzjal ewlieni għal żieda fil-kompetittività u l-innovazzjoni diġitali fl-Ewropa u li, għalhekk, kwalunkwe frammentazzjoni u kwalunkwe ostaklu fil-fruntieri mhux ġustifikat għall-flussi tad-data, ir-riċerka

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

kollaborattiva u l-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi diġitali bejn l-Istati Membri jridu jiġu eliminati minnufih sabiex jiġi żgurat li s-soċjetà tgawdi l-benefiċċji sħaħ tas-suq uniku;

16. Jinnota li ż-żieda fil-konnettività u l-awtomatizzazzjoni tat-trasport se tesponi dejjem aktar lis-settur għal theddid ċibernetiku u kriminalità ċibernetika; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-fatt li t-trasport jirrappreżenta infrastruttura kritika u li, hekk kif dan is-settur isir aktar diġitali, għandu jiżviluppa kultura solida ffukata fuq iċ-ċibersigurtà; jenfasizza li tali kultura jeħtieġ li tintegra, taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, sistemi taċ-ċibersigurtà rilevanti għal kull settur, iżda li kollha jikkondividu l-istess qafas ġenerali fi sforz biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u jtejbu l-prevenzjoni koordinata u r-rispons għal theddid komuni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati ħiliet ċibernetiċi fl-UE u li jinżamm l-approċċ ta' "ċibersigurtà mid-disinn", sabiex jiġi żgurat l-użu ta' sistemi sikuri, reżiljenti u robusti abilitati bl-IA u awtomatizzati kemm għall-infrastruttura kif ukoll għall-vetturi;
17. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw b'mod korrett id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tal-Infomazzjoni<sup>5</sup> u lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-proċess; jilqa' r-rieżami li jmiss tad-direttiva, peress li għandu l-għan li jtejjeb ir-reżiljenza ċibernetika tal-infrastruttura tat-trasport u jirrispondi b'mod aktar effettiv għall-attakki ċibernetiċi; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aċċess sħiħ għal data speċifika għall-vettura u għal informazzjoni dwar is-software għall-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' spezzjoni u ta' approvazzjoni bil-għan li jiġu identifikati t-tbagħbis, il-manipulazzjonijiet u biex tiġi żgurata s-sigurtà ċibernetika tal-vetturi; jappella għar-rispett sħiħ tar-regoli stabbiliti mill-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza, inklużi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika<sup>6</sup> u l-GDPR;
18. Jenfasizza li l-iżvilupp dinamiku ta' servizzi diġitali innovattivi u mudelli ta' negozju fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu mhux se jkun possibbli mingħajr aċċess bla hłas u mingħajr restrizzjonijiet għal data pubblika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-infrastruttura għall-informazzjoni spazjali, bħal data ġeodetika u kartografika, mudelli ta' terren, mapep meħuda mill-ajru, data dwar il-ġeometrija tal-bini u oġġetti topografiċi użati fl-immappjar; jisħaq li r-rilaxx ta' ammont daqshekk kbir ta' data spazjali se jkollu impatt pożittiv hāfna fuq l-użu ta' din id-data minn intraprendituri Ewropej li joperaw fis-settur tat-teknoloġija l-ġdida; jistieden lill-Kummissjoni toħloq sistema ta' inċentivi għall-Istati Membri biex jappoġġjaw il-proċess ta' ftuħ ta' riżorsi ta' data ġeodetika u jagħmluhom disponibbli bla hłas;
19. Jirrikonoxxi l-ambizzjoni li l-UE ssir mexxejja dinjija fl-iżvilupp u fl-applikazzjoni tal-IA fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu u jissottolinja l-fatt li l-UE għandha tpoġġi lilha nnifisha bħala mexxejja globali fl-iżvilupp ta' normi u standards etiċi u legali ċari, effettivi, iċċentrati fuq il-bniedem u uniformi għall-użu tal-IA fis-settur tat-trasport, bil-potenzjali li tistabbilixxi standards għall-bqija tad-dinja; jinnota li suq frammentat tad-

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni, ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

data dwar it-traffiku diġitali fl-UE, li jmur kontra l-innovazzjoni diġitali, għandu jiġi evitat;

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-imprevedibilità legali li jiffaċċjaw l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tal-IA minħabba l-qafas regolatorju u istituzzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-IA fil-livell tal-UE; jitlob, għalhekk, lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jippreżenta gwida għal proċeduri standardizzati tal-użu tad-data, inkluża lista ta' kriterji għal anonimizazzjoni effettiva, sabiex tiżdied il-prevedibilità legali għall-iżviluppaturi tat-teknoloġija tal-IA fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali; iqis li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom isegwu dik il-gwida tal-UE meta jeżerċitaw l-awtorità pubblika tagħhom, bħala mod kif jiżguraw konformità regolatorja konsistenti u jneħħu l-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali;
21. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tat-trasport se tkun xprun essenzjali fil-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni tiegħu, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi ta' emissjonijiet netti żero għall-2050 tal-UE; jissottolinja l-fatt li l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali għall-modi kollha tat-trasport u l-infrastruttura tista' tnaqqas l-emissjonijiet permezz tal-użu ta' mobilità konnessa, l-elettrifikazzjoni tal-flotot, il-ġestjoni effiċjenti tal-loġistika, u l-kontroll tal-veloċità;
22. Jissottolinja li hemm ir-riskju ta' preġudizzju u diskriminazzjoni mġedda jekk l-IA tiġi alimentata data mhux ipproċessata u żbaljata; jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni meħuda b'rabta mal-forniment ta' servizz trid tiġi vvalidata minn bniedem, filwaqt li l-IA tintuża biex tappoġġja dik id-deċiżjoni;
23. Jinnota l-potenzjal konsiderevoli tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju Ewropej tat-trasport u t-turiżmu li joperaw fis-suq uniku diġitali; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju u organizzattiv suffiċjenti għall-innovazzjoni u t-titjib tal-ħiliet diġitali tal-impjegati f'dan is-settur; jenfasizza l-fatt li l-ambjent regolatorju u finanzjarju għandu jippermetti l-istabbiliment u tkabbir ta' negozji ġodda tal-IA u impriżi konġunti fl-Ewropa; jenfasizza li l-UE għandha tagħmel użu mill-ġhodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tiskrinja l-investimenti barranin u tipprevjeni akkwisti predatorji, u b'hekk tippermetti lill-kumpaniji Ewropej jespandu u jikkompetu fis-suq globali;
24. Jenfasizza li kompetizzjoni limitata fis-suq għas-servizzi diġitali fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu toħloq ostakli sinifikanti għall-SMEs; jinnota li l-SMEs huma l-aktar milquta minn burokrazija mhux trasparenti u ostakli amministrattivi eċċessivi; jissottolinja, għalhekk, il-fatt li l-leġiżlazzjoni jeħtieġ li tiġi ssimplifikata u ċċarata sabiex tippromwovi l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji diġitali, b'mod partikolari l-IA, mill-SMEs u li jeħtieġ li tqis id-differenzi fil-pożizzjonijiet tas-suq tal-operaturi fis-suq uniku; jenfasizza l-fatt li qafas tad-data speċifiku għat-trasport għandu jkun iffukat fuq it-tiżni tat-tkabbir ekonomiku permezz tal-aċċess ta' settijiet ta' data vasti, b'mod partikolari għall-SMEs, li jgħin lis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu tal-UE jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ippreżentati mis-suq tal-lum, u konsegwentement itejjeb is-sikurezza tat-trasport, jiproteġi l-privatezza u jsaħħaħ il-kompetittività;
25. Jenfasizza r-rwol tal-privattivi essenzjali standard fl-użu sħiħ u b'suċċess tat-teknoloġiji tal-IA fis-settur tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-qafas legali attwali



tal-UE dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali sabiex tiżgura protezzjoni legali adegwata, prattiki ta' liċenzjar ġusti u nondiskriminatorji, filwaqt li tqis il-pekuljaritajiet tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknoloġiji tal-IA;

26. Jappella għal inċentivi li jagħtu lill-SMEs li joperaw fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu aċċess għal data mhux personali prodotta minn partijiet interessati privati oħra fi proċess volontarju u ta' benefiċċju reċiproku;
27. Ifakkar li l-UE hija d-destinazzjoni ewlenija għat-turiżmu madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-irkupru tas-settur b'mod sostenibbli; jenfasizza r-rwol ewlieni li d-diġitalizzazzjoni, l-IA u r-robotika se jkollhom fit-tneġġa mill-ġdid tas-settur, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sostenibilità tal-industrija fit-tul; jinnota li jinħtieġu finanzjament u inċentivi adegwati għall-istabbilimenti turistiċi, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, sabiex ikunu jistgħu jaħsbu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni u jimmodernizzaw l-offerta tagħhom lill-konsumaturi;
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu inkubaturi u aċċelleraturi tat-teknoloġija biex jipprovdu appoġġ u jippermettu l-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi tat-turiżmu innovattivi ġodda li jagħmlu użu minn tali teknoloġiji u jipromwovu t-tmexxija diġitali tal-UE fit-turiżmu sostenibbli permezz tar-R&Ż, impriżi konġunti u sħubijiet pubbliċi-privati dwar kwistjonijiet bħall-ġestjoni tal-folol, il-mobilità u s-servizzi mingħajr kuntatt, u l-valorizzazzjoni tal-SMEs lokali involuti fil-katina tal-provvista tat-turiżmu;
29. Jenfasizza li l-implimentazzjoni fuq skala kbira tan-networks 5G toffri opportunitajiet ta' xogħol kompletament ġodda għas-settur tat-trasport u se twassal għal żieda sinifikanti fil-produttività għall-ekonomiji Ewropej; jissottolinja, madankollu, li bin-natura tas-suq tax-xogħol li qed tinbidel malajr, ċerti impjiegi jistgħu jsiru obsoleti, u dan jagħmilha essenzjali li l-impjegati li jaħdmu f'dawn is-setturi jingħataw ħiliet ġodda u jtejbu l-ħiliet tagħhom, kemm f'termini tal-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll dawk avvanzati tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mezzi ddedikati għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-impjegati mingħajr ħiliet diġitali; jenfasizza l-importanza li jiġu ggarantiti r-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema f'ambjent tax-xogħol bħal dan li qed jevolvi;
30. Huwa tal-fehma li l-kisba ta' tmexxija diġitali se tiddependi fuq il-produzzjoni u t-trawwim tal-UE tat-talent diġitali u l-iżvilupp tal-ġharfien espert tal-UE; jissottolinja f'dan ir-rigward l-opportunitajiet ipprovduti mill-programmi Ewropej, bħall-Programm Ewropa Diġitali li jmiss; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni u jipprovdu lill-istudenti minn età bikrija l-ħiliet bażiċi meħtieġa biex jorjentawhom lejn il-karrieri fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Math (STEM);
31. Jiddispjaċih għall-fatt li d-differenza bejn is-sessi fil-karrieri u l-istudji STEM għadha tippersisti u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw aktar mekkaniżmi biex jinkiseb bilanċ bejn is-sessi f'dan il-qasam; jissottolinja l-fatt li t-tnaqqis ta' dan id-distakk huwa ta' benefiċċju għad-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport ukoll; jinnota l-implikazzjonijiet pożittivi fit-tul għall-kompetittività u r-reżiljenza Ewropej fit-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-ġharfien espert dwar iċ-ċibersigurtà fl-SMEs Ewropej;

32. Jenfasizza l-potenzjali enormi tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi u l-IA biex jiġu adattati modi ta' trasport għall-persuni b'diżabilità, b'tali mod li tkun permessa aktar mobilità inklużiva u aċċessibbli għal kulħadd; jilqa' l-fatt li l-IA tista' tkompli żżid il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol;
33. Jissottolinja l-fatt li l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tat-trasport u l-mobilità, b'mod partikolari l-applikazzjonijiet tal-IA u l-vetturi awtonomi, joffru potenzjal kbir f'dak li jikkonċerna s-simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum tan-nies u tan-negozji u għall-provvista ta' soluzzjonijiet tat-trasport aktar sikuri, aktar effiċjenti u aktar affordabbli; jitlob politika industrijali soda, li hija bbażata fuq it-tranżizzjoni diġitali u ambjentali, li hija intiża għall-iżvilupp ta' kapaċità infrastrutturali, loġistika, komputazzjonali u diġitali tal-UE, peress li tgħin lill-UE tikseb tmexxija fis-setturi kollha; iħeġġeġ lill-Unjoni tiżgura l-katina tal-provvista tat-trasport tagħha, permezz tad-diversifikazzjoni tal-provvista u billi żżid l-awtonomija strateġika tal-UE għall-materjali u s-servizzi, peress li l-interruzzjoni ta' dawn tal-aħħar jista' jkollha impatt negattiv fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika; jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn l-elementi fi kwalunkwe aġġornament tal-istrateġija industrijali tal-UE;
34. Jisħaq li ekonomija tad-data innovattiva u kompetittiva hija mibnija fuq l-aċċess miftuħ u l-interoperabilità; jirrimarka li t-trasparenza u l-prattiki kummerċjali ġusti fil-pjattaformi tat-trasport u tat-turiżmu, speċifikament dwar l-algoritmi li jaħdmu bl-IA li jaffettwaw is-servizz, l-ipprezzar u r-reklamar, huma essenzjali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-fiduċja tal-konsumatur, kif ukoll biex jitrawwem ambjent kompetittiv.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>                         | 25.2.2021  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>             | +: 41<br>-: 1<br>0: 7  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>    | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Andor Deli, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Clare Daly, Carlo Fidanza, Marianne Vind   |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 41       | +   |
|----------|---|
| ECR      | Carlo Fidanza, Roberts Zīle, Kosma Złotowski  |
| ID       | Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Julie Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo  |
| PPE      | Magdalena Adamowicz, Andor Deli, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Elissavet Vozenberg-Vrionidi |
| Renew    | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet  |
| S&D      | Andris Ameriks, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, István Ujhelyi, Marianne Vind, Petar Vitanov   |
| The Left | Clare Daly, João Ferreira, Elena Kountoura  |

| 1  | -                |
|----|------------------|
| NI | Dorien Rookmaker |

| 7         | 0  |
|-----------|--|
| ECR       | Peter Lundgren   |
| NI        | Mario Furore   |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni